**(iii) Bankier tal-Banek u tas-Settur Pubbliku**

Il-Bank Ċentrali ta’ Malta hu l-bankier tal-Gvern u tal-banek kummerċjali lokali. Il-Bank Ċentrali ta’ Malta jipprovdi ’l-banek bil-likwidità kull meta jkun meħtieġ permezz ta’ operazzjonijiet fis-suq ħieles u self kontra garanżija. Il-Bank jieħu sehem fi u jħaddem it-TARGET2Malta, li tifforma parti minn TARGET2 ta’ l-Eurosistema. Din is-sistema ssostni wkoll il-ħlas ta’ ammonti żgħar bejn il-banek, permezz ta’ l-operazzjoni taċ-Ċentru Malti għall-Ħlasijiet (Malta Clearing House) fejn jitħallsu kuljum permezz tat-TARGET2.

Il-banek għad-depożiti jżommu mal-Bank bilanċi ta’ depożiti soġġetti għal avviż u oħrajn b’aċċess immedjat. Jekk ikun meħtieġ, huma jistgħu jieħdu self jew avvanzi mill-Bank għal żmien qasir, iggarantiti bi pleġġ jew depożitu ta’ assi speċifiċi mal-Bank. Minbarra l-operazzjonijiet tas-suq ħieles msemmija hawn fuq, il-Bank jista’ jipprovdi faċilitajiet ta’ rifinanzjament lill-banek billi jixtru assi eliġibbli bi skont.

Bħala parti mit-tmexxija tal-politika monetarja, il-Bank Ċentrali ta’ Malta jista’ jesiġi li l-istituzzjonijiet bankarji jżommu depożiti ta’ riżerva mal-Bank. Mill-1 ta’ Jannar 2008, il-Bank Ċentrali ta’ Malta adotta s-sistema tar-riżervi minimi tal-BĊE. Il-qafas legali għal din is-sistema kif tinsab fl-Artiklu 19 ta’ l-Istatut tas-SEBĊ, fir-Regolament Nru. 2531/98/KE tat-23 ta’ Novembru 1998 dwar l-applikazzjoni tar-rizervi minimi tal-BĊE u r-Regolament Nru. 1745/2003/KE tal-BĊE dwar l-applikazzjoni tar-riżervi minimi (BĊE/2003/9). Ir-rekwiżit ta’ riżerva meħtieġa minn kull istituzzjoni titħaddem abbażi l-bażi ta’ riżerva. Id-*data* mill-karta tal-bilanċi li tirreferi għall-aħħar ta’ xahar partikolari tintuża sabiex jigi ikkalkulat il-bażi tar-riżerva għal perijodu ta’ manutenzjoni li jibda f’dak ix-xahar xahrejn wara.

Il-Bank jaħdem wkoll bħala bankier għal għadd ta’ istituzzjonijiet fis-settur pubbliku u jipprovdilhom faċilitajiet bankarji varji inklużi servizzi ta’ kontijiet tad-depożiti u dawk tal-kambju.

**Termini u Kondizzjonijiet għad-Depożiti tal-Gvern miżmuma mal-Bank Ċentrali ta’ Malta.**

- Il-kontijiet kollha għandhom jinżammu b’bilanċ pożittiv. M’hemm l-ebda faċilità ta’ ġbid iżjed mill-ammont tal-bilanċ. Meta l-fondi fil-kont ma jkunux biżżejjed biex ikopru l-ħlas, il-ħlas ma jsirx.
- Il-Gvern ma jistax jiġbed fondi kontra effetti mhux ikklerjati, u l-imgħax fuq kontijiet f’euro jibdew isiru dovuti meta l-effetti mhux ikklerjati jkunu tħallsu.
- M’hu dovut l-ebda ħlas għal transazzjonijiet fuq il-kontijiet.
- Kopja tal-firem kurrenti awtorizzati għandha tiġi pprovduta u aġġornata kull meta jkun hemm xi tibdil.
- Ma jistgħux isiru valutazzjonijiet b’lura.
- Il-kontijiet jaqilgħu l-imgħax. Ir-rata fuq il-kontijiet hija bbażata fuq ir-Rata ta’ l-Offerta Minima tal-Bank Ċentrali Ewropew. Fuq depożiti denominati f’munita

barranija, ir-rata hi bbażata fuq ir-rata medja ta' l-imgħax ta' kull ġimgħa applikata fuq il-Kontijiet proprji tal-Bank – b'marġni żgħir imnaqqas.

- Il-ħin ta' l-għeluq tal-Bank Ċentrali ta' Malta għal pagamenti hu s-2.30 ta' wara nofsinhar.

**Avviż dwar il-Protezzjoni u l-Privatezza tad-*Data* għal Pagamenti Elettroniċi**

- *Data* personali relatata ma' transazzjonijiet magħmula bis-SWIFT (Society for Worldwide Interbank Financial Telecomunication) tista' tkun mogħtija lill-awtoritajiet ta' l-Istati Uniti biex b'hekk tikkonforma mar-rekwiżiti legali applikabbli mill-Istati Uniti dwar l-prevenzjoni ta' attivitajiet kriminali.